Nru. 17,785
Prezz Lm1.28c
Price Lm1.28c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 1 ta' Lulju, 2005
Friday, 1st July, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 678

ATT DWAR ATTI NUTARILI (PROVVEDIMENTI TEMPORANJI) (KAP. 408)

Ħatra ta' Kummissarju Speċjali għall-Atti Nutarili

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar Atti Nutarili (Provvedimenti Temporanji), il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-Ministru responsabbli għall-Arkivji Nutarili, reġa' ħatar lil Dott. Joseph Sapiano, B.A., LL.D., bħala Kummissarju Speċjali għall-Atti Nutarili għal żmien tmintax-il xahar b'seħħ mill-20 ta' Ġunju, 2005.

L-1 ta' Lulju, 2005

GOVERNMENT NOTICES

No. 678

NOTARIAL ACTS (TEMPORARY PROVISION) ACT (CAP. 408)

Appointment of a Special Commissioner for Notarial Acts

IN exercise of the powers vested in him by Section 3 of the Notarial Acts (Temporary Provisions) Acts, the Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs, as the Minister responsible for the Notarial Archives, re-appointed Dr Joseph Sapiano, B.A., LL.D., as a Special Commissioner for Notarial Acts for the period of eighteen months with effect from 20th June, 2005.

1st July, 2005

Nru. 679

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ

SKOND id-disposizzjonijiet tar-regolament 34 (5) tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika dan il-ħanut tal-merċa li jinsab fir-Rabat, Għawdex li jista' jiftaħ fil-Ħdud u l-festi pubbliċi f'Awissu 2005 biss. Id-Diviżjoni għall-Kummerċ iżżomm id-dritt li fil-futur tibdel il-kundizzjonijiet ta' dan il-permess skond ir-regolamenti 34 (4) u (5) tar-regolamenti hawn fuq imsemmija.

Numru ta' riferenza *Reference number*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of commercial premises*
CD/3218/2005 Pt 19	Crai Delicatessen, Tiġrija Palazz, Republic Street, Victoria, Gozo

L-1 ta' Lulju, 2005

No. 679

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

ACCORDING to the provisions of regulation 34 (5) of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing the following grocer located at Victoria, Gozo which is to open during Sundays and other public holidays in August 2005 only. The Commerce Division reserves the right in future to change the conditions of this permit according to regulations 34 (4) and (5) of the above mentioned regulations.

1st July, 2005

Nru. 680

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Programm Nazzjonali ta' Malta fuq l-Apikultura

Avviż għal Applikazzjoni ta' Għajnuna

IL-PROGRAMM Nazzjonali ta' Malta tfassal mis-sezzjoni ta' l-Apikultura tal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent flimkien ma' min irabbi n-naħal u l-Għaqda tat-Trobbija tan-Naħal. It-trobbija tan-naħal huwa settur fl-agrikoltura, li l-funzjonijiet prinċipali tiegħu huma l-attività ekonomika u l-iżvilupp rurali, il-produzzjoni ta' l-għasel u ta' prodotti oħrajn u li jżommu l-bilanċ ekoloġiku.

Bażi Legali

Il-bażi legali għal dawn il-miżuri tniżżlet fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 797/2004 u Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 917/2004, it-tnejn li jikkonċernaw l-għajnuna diretta li tingħata fuq il-miżuri biex jittejbu l-kundizzjonijiet tal-produzzjoni kif ukoll promozzjoni tal-prodotti ta' l-Apikultura. Din l-applikazzjoni ta' għajnuna tagħmel riferenza għall-Avviż Legali Nru. 110 ta' l-1992 u l-Avviż Legali Nru. 213 ta' l-2004. Il-pagamenti se jsiru permezz ta' l-Aġenzija tal-Pagamenti skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Avviż Legali Nru. 126 ta' l-2004.

Oġġettiv

Biex tiġi kkumpensata l-Industrija ta' min irabbi n-naħal għal problemi li qed tiffaccja billi:
(a) Tkun imtejba l-produzzjoni.
(b) Issir promozzjoni ta' prodotti ta' l-Apikultura

Azzjonijiet Eliġibbli

1) Għajnuna teknika għal min irabbi n-naħal u l-għaqdiet relatati

(a) Assistenza teknika u taħriġ għal min irabbi n-naħal permezz ta' laqgħat moghtija minn esperti lokali u barranin b'riferenza għal kif jintgħaraf u jiġi kontrollat il-mard kif ukoll għal kif jiġu maniġġjati l-kolonji.
(b) Assistenza teknika biex jiġu mgħarrfa l-aspetti legali ta' l-apikultura.
(ċ) Preparazzjoni ta' fuljetti ta' informazzjoni u ta' pjanijiet neċessarji biex jippreparaw għal *Aethina tumida* u *Tropilaelaps* f'każ li dawn jidħlu Malta.

2) Kontroll tal-*Varroa*:

(a) Testijiet ta' reżistenza għall-kimika mill-*Varroa*.
(b) Taħriġ biex jintgħarfu s-sintomi tal-Varroa u biex tiġi kkontrollata l-marda.
(ċ) Spezzjonar tal-kolonji u għti ta' pariri b'konnessjoni mal-kontroll tal-*Varroa*.
(d) Akkwist tal-kimika neċessarja.
(e) Monitoraġġ u evalwazzjoni ta' l-aħjar metodu għall-kontroll tal-*Varroa*.

3) Għajnuna għat-transport tan-naħal

Għajnuna biex ikunu jistgħu jinxtraw attrezzati żgħar li jintużaw għal ġarr tan-naħal, eżempju: ċineg li jagħlqu l-kaxxi.

4) Għajnuna għal-laboratorji li jagħmlu analiżi ta' l-għasel.

(a) Jiġu analizzati kampjuni ta' għasel għal kontenut kimiku.
(b) Għajnuna biex jiġi stabbilit laboratorju nazzjonali fejn tkun tista' ssir analiżi ta' l-għasel fuq bażi regolari.
(ċ) Taħriġ għal ħaddiema sabiex ikunu jistgħu jaħdmu fil-laboratorji ta' l-analiżi ta' l-għasel.

5) Għajnuna biex jiżdied in-numru ta' frieħ tan-naħal

(a) Assistenza teknika biex jitwaqqaf programm għall-produzzjoni ta' rġejjen tan-naħla Maltija.
(b) Assistenza biex jintgħażlu razez produttivi u mhux aggressivi.

6) Riċerka fit-trobbija tan-naħal u l-prodotti ta' l-Apikultura

(a) Xogħol ta' riċerka ma' entitajiet speċjalizzati biex isir xogħol fuq l-impatt tal-*Varroa* f'Malta u jinstab l-aħjar mudell ta' trattament li jkun adattat għall-klima tagħna.
(b) Xogħol ta' riċerka fuq il-produzzjoni u benefiċċju għas-saħħa tal-*propolis*, *royal jelly*, *pollen* u *bee venom*.

Benefiċjarji Eliġibbli

Kull min hu reġistrat mas-sezzjoni ta' l-Apikultura kif ukoll l-għaqdiet tan-naħal jistgħu japplikaw għal dawn il-fondi.

Dawk l-għaqdiet tan-naħal jew min irabbi n-naħal li jkunu digà ħadu xi għajnuna mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1257/99 li kien jitratta l-Iżvilupp Rurali jew mill-fondi EAGGF mhumiex eliġibbli.

Dokumenti Neċessarji:

(a) Kopja tal-Karta ta' l-Identità.
(b) Ċertifikat tar-registrazzjoni mas-Sezzjoni ta' l-Apikultura.
(ċ) Kwalifiki u esperjenza fl-Apikultura.
(d) Statut u numru ta' membri u b'kemm iħaddnu kolonji (fil-każ ta' Għaqda)

Promozzjoni tal-Miżuri

Dawn il-miżuri se jiġu ppubblikati għal min ikun interessat li japplika permezz ta':

(a) Avviż pubbliku fil-medja lokali
(b) Materjal informattiv li jkun jista' jinġabar mis-Sezzjoni ta' l-Apikultura mid-Dipartiment tas-Saħħa tal-Pjanti tal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

Il-Fondi Allokati

L-applikanti se jieħdu fondi skond id-dettalji ta' l-applikazzjoni tagħhom, speċjalment fuq in-numru ta' kolonji. L-ammont ta' flus disponibbli, kif ukoll in-numru ta' applikazzjonijiet se jiġu kkunsidrati. Taħt l-ebda ċirkustanza l-ammont ta' flus allokati mil-UE u mil-Gvern ta' Malta mhu se jaqbeż il-figuri li jidhru fit-tabella hawn taħt.

L-ammont totali ta' fondi allokati għal dawn il-miżuri huwa ta' 11,134 Euro għas-sena 2005 u din is-somma ma tistax tiġi maqbuża.

Tabella 1: Fondi allokati

Miżura	**Kontribuzzjoni KE Euro**	**Kontribuzzjoni Gvern ta' Malta Euro**	**Totali Euro**
Għajnuna teknika għal min irabbi n-naħal jew għaqdiet relatati	1217	1217	2434
Kontroll tal-*Varroa*	1811	1811	3622
Għajnuna għat-trasport tan-naħal	68	68	136
Għajnuna għal-laboratorji li jagħmlu analiżi ta' l-għasel	1038	1038	2076
Għajnuna biex jiżdied in-numru ta' frieħ tan-naħal	406	406	812
Riċerka fit-trobbija tan-naħal u l-prodotti ta' l-Apikultura	1027	1027	2054
Totali: Euros	5567	5567	**11,134**

Is-sezzjoni ta' l-Apikultura, f'isem id-Diviżjoni ta' l-Affarijiet Rurali u l-Aġenzija tal-Pagamenti tista' titlob il-flus lura mingħand l-applikant. Din in-notifika, bil-miktub, tkun effettiva mingħajr il-bżonn ta' proċeduri legali. Is-sezzjoni ta' l-Apikultura m'hi se taċċetta ebda notifika ta' oġġezzjoni bil-miktub taħt l-ebda ċirkustanza.

Il-Monitoraġġ tal-Programm

Is-sezzjoni ta' l-Apikultura hija responsabbli biex tikkoordina u tagħmel monitoraġġ tax-xogħol involut f'dan il-programm. Hija għandha tirċievi informazzjoni regolari mingħand min irabbi n-naħal u se tkun responsabbli għall-evalwazzjoni u l-ispezzjonijiet.

Applikazzjoni

L-applikazzjonijiet għall-għajnuna se jiġu aċċettati fiċ-Ċentru ta' Riċerka, l-Għammieri, il-Marsa, l-Uffiċċju ta' l-*Extension Service* tal-Mosta, u fl-Uffiċċju ta' IACS, Ministeru għal Għawdex.

L-applikazzjonijiet jiġu aċċettati mit-Tnejn, 18 ta' Lulju sal-Ġimgħa, id-29 ta' Lulju, 2005 mit-8.00 a.m. sa nofsinhar.

Applikazzjonijiet li jidħlu wara d-data ta' l-għeluq ma jiġux ikkunsidrati.

L-1 ta' Lulju, 2005

No. 680

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Malta National Programme for Apiculture

Notice for Aid Application

THE Malta National Programme was coordinated by the Apiculture section of the Ministry for Rural Affairs and the Environment in consultation with beekeepers and the Beekeepers Association. Beekeeping is a sector of agriculture the main functions of which are economic activity and rural development, the production of honey and other products of the hive and the maintenance of ecological balance.

Legal Basis

The legal basis for these regulations are set according to the Commission Regulation (EC) No. 797/2004 and Commission Regulation (EC) No. 917/2004, both related to direct measures for the improvement of the production and marketing of apiculture products. The application for aid also makes reference to Legal Notice 110 of 1992 and Legal Notice No. 213 of 2004. The payments are channeled through the Paying Agency as per provisions of Legal Notice No. 126 of 2004.

Objective

To compensate the Beekeeping Industry for the problems encountered thereby ensuring:
(a) An improvement in production.
(b) Promotion of various apiculture products.

Eligible Actions

1) Technical assistance to Beekeepers and groupings of Beekeepers

(a) Provision of formal training courses and technical assistance given by local and foreign professionals with reference to disease recognition, control strategies and colony management.
(b) Technical assistance in addressing legal aspects related to the Apiculture industry.
(c) Preparation of information leaflets and contingency plans for *Aethina tumida* and *Tropilaelaps* should they enter Malta.

2) Control of Varroa

(a) Varroa resistance testing.
(b) Training of beekeepers for diagnosis and control of Varroa.
(c) Colony inspections and provision of advice in connection with Varroa control.
(d) Acquisition of chemicals.
(e) Monitoring and evaluation for best control strategies in order to control Varroa.

3) Rationalization of transhumance

Provision for the funding of small equipment in relation to the movement of hives e.g. closure belts for boxes.
4) Measures to support laboratories carrying out analysis of the physio-chemical properties of honey

(a) Provisions of honey samples to be analysed for physio-chemical properties.
(b) Provision to set up a national honey analysis laboratory for extension work routine analysis of honey samples.
(c) Provisions for assistance in training of staff in the field of analytical techniques involved with honey analysis.

5) Measures to support the restocking of hives

(a) Technical assistance in setting up a queen rearing programme for the endemic honeybee
(b) Assistance in the selection of docile and productive breeds

6) Cooperation with specialized bodies for the implementation of applied research programmes in the field of beekeeping and apiculture products

(a) Research work with specialized bodies to undertake work on the impact of Varroa in Malta using already available computer models to explore optimal treatment regimes for local climatic conditions
(b) Research work to be implemented on the production and health potential of propolis, royal jelly, pollen and bee venom

Eligible Beneficiaries

All registered beekeepers and beekeeping associations may apply for funds under this measure.

Those entities that have already obtained financial support through Commission Regulation (EC) No. 1257/99 on support for the rural development from the EAGGF are not eligible.

Supporting Documents

(a) Copy of the Identity Card
(b) Certification of Registration with the Apiculture section as per Legal Notice 110 of 1992
(c) Experience and qualifications in beekeeping
(d) Number of members in association with number of hives (In case of association)

Promotion of Measure

The measure will be published to potential applicants by means of:
(a) Public announcement disseminated through the local media.
(b) Information material made available through the Apiculture Section within the Plant Health Department of the Ministry for Rural Affairs and the Environment.

Financial Provisions

Applicants shall be allocated funds according to the details presented in their application, particularly the number of colonies. The measure fund allocation and the total number of applicants shall also be taken into consideration. In no circumstances will the prescribed measure allocated by the EU and the Government of Malta exceed the figures reported in table 1 below.

The total funds allocated under this measure amount to 11,134 Euros for the year 2005. The sum cannot be exceeded.

Table 1: Funds allocation for each measure

Measure	EU Contribution Euro	Gov. Malta Contribution Euro	Total Euro
Technical assistance to beekeepers and groupings of beekeepers	1217	1217	2434
Control of Varroa	1811	1811	3622
Rationalization of transhumance	68	68	136
Support for laboratories carrying out analysis of honey	1038	1038	2076
Measure to support restocking of hives	406	406	812
Cooperation with specialized bodies for the implementation of applied research programmes in the field of beekeeping and apiculture products	1027	1027	2054
Total: Euros	5567	5567	**11,134**

The Apiculture Section, on behalf of the Division for Rural Affairs and the Paying Agency may claim refunds from the applicants. This claim, which shall be made in writing, shall be executive and effective without resort to any legal proceedings. The Apiculture section shall in no circumstance accept any objection to the written claim.

Monitoring of the Programme

The Apiculture section will be responsible for conducting, coordinating and monitoring the work involved in this Apiculture programme. It will receive regular updates from beekeepers and will be responsible for evaluating and carrying out inspections.

Applications

The applications shall be accepted at the National Agricultural Research and Development Centre, Ghammieri Marsa, Mosta Extension Service and the IACS Office, Ministry for Gozo.

Applications may be submitted between Monday, 18th July and Friday, 29th July, 2005 between 8.00 a.m. and noon.

Applications submitted after the indicated closing dates shall not be taken into consideration.

1st July, 2005

Nru. 681

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIŻ-ŻURRIEQ

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 544, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-25 ta' Ġunju, 2003, taħt it-titolu 'Numri Ġodda ta' Bibien fiż-Żurrieq', għandha ssir din l-emenda:

No. 681

RENUMBERING OF DOORS AT ŻURRIEQ

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 544, published in Government Gazette dated 25th June, 2003, under the title of 'Renumbering of Doors at Żurrieq', the following amendment should be made:

SKEDA/*SCHEDULE*

ŻURRIEQ

TRIQ IS-SAJJIEDA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Santa Katerina

Left side entering from Triq Santa Katerina

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Santa Katerina

Right side entering from Triq Santa Katerina

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garage	64

Għandha tinkludi

Should include

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garage	64
House without number	66

L-1 ta' Lulju, 2005

1st July, 2005

Nru. 682

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
24. 06. 05	Lm5.12c2	9c5
27. 06. 05	Lm5.07c4	9c4
28. 06. 05	Lm5.05c3	9c4
30. 06. 05	Lm5.05c1	9c2

L-1 ta' Lulju, 2005

No. 682

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

1st July, 2005

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi – *IT Lecturing Straff*
Permess tal-KXT Nru. 76/2005)

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija qed ifittex li jirrekluta fl-Istitut ta' l-Informazzjoni u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni *full-time lecturing staff* għall-programmi tiegħu ta' livell ogħla sa l-Ewwel Lawrja.

Il-kandidati għandhom ikunu kwalifikati u bl-esperjenza f'wieħed jew aktar mill-oqsma li ġejjin:

Computer Systems u *Architecture*
Software Development (VB.Net C/. Net, Java, ASP.Net)
Computer Networks (LANS, WANS)
Object Oriented Techniques

Tingħata preferenza lil dawk il-kandidati bil-kwalifiki Cisco CCNA, Microsoft MCSE, jew MCAD.

Dan jinħtieġ *lecturing personnel* motivat ħafna li jkun jistinka biex jagħmel karriera tajba f'organizzazzjoni li dejjem qed tikber u li tħares 'il quddiem. Il-persuni jkunu meħtieġa li jkunu profiċjenti fil-qasam tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni u jkunu kompetenti biex jgħaddu lill-istudenti t-tagħrif u l-kapaċitajiet prattiċi li huma essenzjali għall-ekonomija bbażata fuq l-informazzjoni tallum.

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies - IT Lecturing Staff
(ETC Permit No. 76/2005)

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit in the Institute of Information and Communication Technology full-time lecturing staff for its higher level programmes up to a First Degree.

Candidates must be qualified and experienced in one or more of the following areas:

Computer Systems & Architecture
Software Development (VB.Net C/. Net, Java, ASP.Net)
Computer Networks (LANS, WANS)
Object Oriented Techniques

Preference will be given to candidates with a Cisco CCNA, Microsoft MCSE, or MCAD qualification.

This calls for highly motivated lecturing personnel who are striving to make a good career with a fast-growing and forward-looking organization. The persons will be required to be proficient in the field of information and communication technology and competent in impairing to students the knowledge and practical skills which are essential for today's information economy.

Aktar dettalji u formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-*Human Resources*, fl-MCAST Main Campus. Kandidati prospettivi għandhom jissottomettu formola ta' l-applikazzjoni tal-Kulleġġ mimlija kif suppost flimkien ma' *curriculum vitae* mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa, is-6 ta' Lulju, 2005. L-applikazzjonijiet għandhom jiġi indirizzati lill-Uffiċċju tal-*Human Resources,* MCAST *Main Campus*, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08, Tel: 21 801590/1, *Fax:* 21 801596, www.mcast.edu.mt

Further details and application forms are available from the Human Resources Office at MCAST Main Campus. Prospective candidates are invited to submit the completed College application form, accompanied by a curriculum vitae, by not later than Wednesday, 6th July 2005 at noon. Applications are to be addressed to the Human Resources Office at the MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08, Tel: 21 801590/1, Fax: 801596, www.mcast.edu.mt

L-1 ta' Lulju, 2005

1st July, 2005

EUROPEAN UNION

Call for Expression of Interest

The European Personnel Selection Office has published a Call for Expression of Interest, on behalf of the European Institutions and of the Commission in particular, to constitute a database of candidates to be recruited as contract agents carrying out various tasks within the European Institutions. The scope is to fill posts that may become available in Brussels and Luxembourg (a limited number of positions may be offered in other European capitals, in the Joint Research Centres of the Commission or in the EU offices outside the EU).

The Contract agents' working relationship with the Institutions is regulated by the Conditions of employment of other servants of the European Communities (CEOS). Different contracts can be offered to contract agents based on the **CEOS.** (Art. 3 (96) of the CEOS). The Conditions of employment of other servants of the European Communities (CEOS) may be viewed by visiting the website: http://europa.eu.int/epso/working/career/payments_en.htm and click on "Staff Regulations".

Contract agents are classified into four different function groups (Function group I, II, III and IV) corresponding to the duties and responsibilities to be performed and the level of education and professional experience required. Each group is subdivided into grades and steps as set out in the CEOS (Art. 80(96)).

Types of duties within corresponding function groups are:

a) function group I	manual and administrative support service tasks
b) function group II	clerical, secretarial and technical tasks, office management and other equivalent tasks
c) function group III	executive tasks, drafting, accountancy and other equivalent technical tasks
d) function group IV	administrative, advisory, linguistic and equivalent tasks

Contract agents perform their duties under the supervision of officials or temporary staff.

The purpose of the Call for expression of interest is to recruit staff with the following general competences:

For function group I: mail staff, drivers, administrative support, skilled workers.
For function group II: crèche (mainly nurses), office managers/clerks, secretaries, technical staff.
For function group III: financial management, informatics/technical, executive tasks.
For function group IV: administrative, communication and advisory tasks, researchers, engineers, linguists, architects.
(Please note that in the second half of 2005, another call for expression of interest will be launched to constitute a database of highly qualified experts to be recruited as contract agents in function group IV to work in Commission delegations in third countries. Details will be published on the EPSO web site).

To apply for a contract agent position, candidates must meet the eligibility criteria within each function group and the general conditions.

The call for expression of interest is designed to identify highly qualified staff for specific posts within specific Function groups and applicants are requested to **apply for only one of the Function groups** (applicants are allowed to indicate up to

3 types of positions in order of their preference within the function group they select). Multiple applications will not be taken into consideration.

Further information on conditions and eligibility, on instructions on how to apply, on qualifications and experience, and other general information may be seen on the above EPSO website at http://europa.eu.int/epso under "Staff engaged under contract" at http://europa.eu.int/epso/index_en.htm or at http://europa.eu.int/epso/contract-agents/call-for-interest_en.htm

Applications are to be made online by visiting the above-mentioned EPSO website and following the instructions there. Prospective applicants are advised to refer to the "application guide" which contains detailed instructions on how to submit the application. **The closing date for on-line applications is 20 July 2005 at 12.00 (noon) Brussels time. On-line registration will not be possible after the deadline.**

Applicants with a disability that prevents them from registering online, may request, in writing only, a paper version of the application form by writing to: EPSO - Info-recruitment - C- 80 0/48 - B-1049 Brussels. They should fill in, sign and return by registered mail, postmarked no later that the closing date for registration. All subsequent communication between them and EPSO will be by post. Such applicants must enclose with their registration form a certificate attesting their disability, issued by a recognised body. They should also set out, on a separate sheet of paper, any special arrangements they think are needed to make it easier for them to take part in further stages of the selection process.

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

1st July, 2005

EUROPEAN UNION

EUROPEAN DEFENCE AGENCY (EDA)

Vacancy Notices for Contract/Temporary Staff

The European Defence Agency (EDA) which was established by the Council of the European Union Joint Action 2004/551/CFSP of 12 July 2004 and published in the Official Journal of the European Union, OJ L 254 of 17 July 2004, has issued the following calls for applications for the recruitment of Contract/Temporary Staff as:

Security Support Officer **-** A069, within the Corporate Services Directorate/Security Unit
Reference - EDA/A/2005/069 - Contract Agent in Function Group II

Senior Personal Assistant to the Chief Executive **-** A009
Reference - EDA/A/2005/009 - Temporary Staff on Contract, Grade AST 7

Recruitment to the above-mentioned posts will be as members of the Temporary/Contract staff of the Agency.

Further details on the above posts, referring to eligibility, duties, qualifications and experience required, essential selection criteria and appointment and conditions of employment may be seen on the Council of the European Union website at http://ue.eu.int under "Contacts/Job Offers/Recruitment Notices." Alternatively, one may view a copy of the call by contacting the Management and Personnel Office, OPM by e-mail on pol-plan.mpo@gov.mt or by telephone on 22001312 or 22001315.

Information on the EDA may be seen on the Official Journal of the European Union OJ L 245 of 17 July 2004, which may be viewed on line at http://europa.eu.int/eur-lex/en/search/search_oj.html

Applications are to be made on the EDA Application Form obtainable from website http://ue.eu.int under "Contacts/Job Offers/Recruitment Notices." One original and four copies of the completed application form should be forwarded to the Department of Policy and Planning, Management and Personnel Office, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta, CMR 02 by not later than noon of Friday 8 July 2005.

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

1st July, 2005

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżamijiet tal-*European Computer Driving License (2004)*

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati illi l-*Core Certificates* ta' l-eżamijiet imsemmija hawn fuq waslu. Minkejja dan l-i*Skillscard* u l-*Plastic Card Certification* għandhom jaslu aktar tard u jkunu disponibbli f'Awissu/Settembru.

Dawk il-kandidati biss li għandhom bżonn urġenti l-*Core Certificate* huma mistiedna li jiġbruh mill-uffiċċji kif ġej:-

Kandidati f'Malta:
Dipartiment ta' l-Eżamijiet,
Il-Furjana

Kandidati f'Għawdex:
Ċentru ta' l-Eżamijiet,
Ir-Rabat,
Għawdex

IMPORTANTI

Il-kandidati għandhom jiftakru li ċ-ċertifikati jistgħu jinġabru biss billi jippreżentaw il-Karta ta' l-Identità tagħhom u l-karta tar-riżultat.

Jekk iċ-ċertifikat jinġabar mill-ġenitur għandhom jiġu ppreżentati l-Karti ta' l-Identità, kemm tal-ġenitur u kemm tal-kandidat.

L-1 ta' Lulju, 2005

EXAMINATIONS DEPARTMENT

European Computer Driving License (2004) Examinations

The Director of Examinations notifies candidates that the Core Certificates in respect of the above examination have been received. However both the Skillscard and the Plastic Card Certification are to be received later on and will be available in August/September.

Only those candidates who urgently need the Core Certificate are invited to collect it from the offices as follows:-

Malta candidates:
Examinations Department,
Floriana

Gozo candidates:
Examinations Centre,
Victoria,
Gozo

IMPORTANT

Candidates are reminded that certificates can only be collected on presentation of their Identity Card and result slip.

If the certificate is collected by the parent, the I.D. Card of both the parent and the candidate should be presented.

1st July, 2005

Oġġetti Misjuba u Kkonsenjati lill-Pulizija

Din li ġejja hija lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta u Għawdex skond l-artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Il-Furjana.

John Rizzo
Kummissarju tal-Pulizija.

L-1 ta' Lulju, 2005

Lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta u Għawdex matul il-perijodu April, Mejju u Ġunju, 2005.

DATA	DESKRIZZJONI TA' L-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
	MALTA	
08.04.05	Nuċċali tax-xemx	Joseph Rapa
08.04.05	Ċurkett	Maria Theresa Mercieca
15.04.05	*Stereo* tal-karozza	Raymond Cassar
15.04.05	*Telephone adaptor*	PC 696 WPC 38 Valletta Police Station
15.04.05	Arloġġ ta' l-idejn	Kevin Mifsud
15.04.05	Brazzuletta	Brenda Whittaker
15.04.05	Portmoni, flus, *phonecard,* ċwievet	Domenic Anastasi
15.04.05	Ġiżirana	Deborah Mizzi
15.04.05	*Mobile phone*	Frank Scerri
15.04.05	Kamera tar-ritratti	Doreen Lyle
15.04.05	Ċurkett	Trevor Zahra
15.04.05	Ċurkett	John Borg
22.04.05	Portmoni, ċwievet, flus	Robert Bugeja
22.04.05	Flus	Francis Camilleri
22.04.05	Portmoni, flus, ċwievet	Helen Vassallo
22.04.05	Flus	Giovanna Maria Portelli
22.04.05	Brazzuletta	Denise Attard
06.05.05	*Auto stereo face cover*	Rita Seisun
06.05.05	Kartiera, flus	Stephen Sacco
06.05.05	Ċurkett	Lorna Debattista
13.05.05	Basket, nuċċali tax-xemx, nuċċali tal-vista, *cardigan, sun lotion, hair comb*	Anthony Tabone
13.05.05	Basket, *top* tas-suf, beritta tax-xemx, ktieb, arloġġ ta' l-idejn, flus	Therese Calleja
13.05.05	*Mobile phone*	Anthony Zammit
13.05.05	Arloġġ ta' l-idejn	Margaret Lilian Mary Smith
03.06.05	*Mobile phone*	Helen Calleja
03.06.05	Ċurkett	Nicholas Vassallo

DIVIŻJONI TAL-KUMMERĊ

Riżultat ta' l-Intervista għal *Scientific Officer* mad-Direttorat għar-Reġistrazzjoni tal-Proprjetà Industrijali fid-Diviżjoni tal-Kummerċ

Id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tal-Kummerċ, jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-intervista msemmija hawn fuq fin-*notice-board* tad-Diviżjoni tal-Kummerċ, Lascaris, Valletta u fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

L-1 ta' Lulju, 2005

COMMERCE DIVISION

Result of Interview for Scientific Officer with the Industrial Property Registrations Directorate of the Commerce Division

The Director-General, Commerce Division, notifies that the result for the above mentioned interview may be viewed on the notice-board at the Commerce Division, Lascaris, Valletta and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

1st July, 2005

AWTORITÀ MALTIJA DWAR IT-TRASPORT

L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta tgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi t-toroq li ġejjin fir-Rabat se jkunu magħluqa għat-traffiku u ma jitħalla jsir l-ebda pparkjar fid-dati u l-ħinijiet imsemmija:–

Nhar is-Sibt, it-2 ta' Lulju sal-Ħamis, is-7 ta' Lulju, 2005 mis- 7.00 a.m.sat-8.00 p.m. fi Triq Inguanez minn kantuniera ma' Triq Ġorġ Borg Olivier.

Nhar it-Tnejn, l-4 ta' Lulju sa nhar it-Tlieta, il-5 ta' Lulju, 2005 mis-6.00 p.m.sat-8.00 p.m. fi Pjazza San Pawl minn kantuniera ma' Triq il-Kbira sa kantuniera ma' Triq San Pawl, minn kantuniera ma' Triq Santa Rita sa kantubniera ma' Triq Emanuele Vitale u minn kantuniera ma' Triq Sant Agatasa kantuniera ma' Triq Bir ir-Riebu.

Il-Pjazza tkun miftuħa għat-traffiku nhar it-Tlieta, il-5 ta' Lulju, 2005 mill- 5.00 p.m. sat-8.00 p.m.

It-traffiku jiddawwar minn Triq il-Kbira sa Triq San Pawl, minn Triq Santa Rita sa Triq Emmanuele Vitale, minn Triq il-Kulleġġ lejn il-Pjazza ta' San Pawl sa Triq Konti Ruġġieru u minn Triq Santa Marija sa Triq Konti Ruġġieru.

Nhar it-Tlieta,il-5 ta' Lulju, 2005 mis-7.00 a.m. sat-8.00 p.m. minn Triq Ġorġ Borg Olivier.

It-traffiku lejn Ħad-Dingli jiddawwar mis-Saqqajja sa Triq il-Mużew għal Triq Għeriexem u traffiku minn Ħad-Dingli lejn il-Belt Valletta jiddawwar għal Triq Ħal Bajjada għal Triq in-Nigret.

It-toroq li ġejjin f'Raħal Ġdid se jingħalqu għat-traffiku matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija:

MALTA TRANSPORT AUTHORITY

The Malta Transport Authority notifies for general information that the following streets at Rabat (Malta) will be closed to vehicular traffic and no parking will be allowed during the mentioned dates and times:

On Saturday 2ndJuly to Thursday 7th July, 2005 from 7.00 a.m. to 8.00 p.m. in Triq Inguanez from corner with Triq Ġorġ Borg Olivier.

On Monday 4th July to Tuesday 5th July, 2005 from 6.00 p.m. to 8.00 p.m. in Pjazza San Pawl from corner with Triq il-Kbira to corner with Triq San Pawl, from corner with Triq Santa Rita to corner with Triq Emanuele Vitale and from corner with Triq Sant Agata to corner with Triq Bir ir-Riebu.

The Square will be closed to vehicular traffic on Tuesday 5th July, 2005 from 5.00 p.m. to 8.00 p.m.

Traffic will be diverted from Triq il-Kbira to Triq San Pawl, from Triq Santa Rita to Triq Emmanuele Vitale, from Triq il-Kulleġġ towards Pjazza San Pawl to Triq Konti Ruġġieru and from Triq Santa Marija to Triq Konti Ruġġieru.

On Tuesday 5th July, 2005 from 7.00 a.m. to 8.00 p.m. in Triq Ġorġ Borg Olivier.

Traffic towards Dingli will be diverted from to Saqqajja to Triq il-Mużew to Triq Għeriexem and traffic from Dingli towards Valletta will be diverted to Triq Ħal Bajjada to Triq Nigret.

The following streets at Raħal Ġdid will be closed to vehicular traffic during the mentioned dates and times:

Nhar il-Ħadd, it-3 ta' Lulju sa nhar l-Erbgħa, is-6 ta' Lulju, 2005 mis-6.00 a.m. sat- 8.00 p.m. f'Shipwrights Wharf minn kantuniera mat-Telgħa ta' Raħal Ġdid sa kantuniera ma' Triq il-Baċir.

It-traffiku se jiddawwar mit-Telgħa ta' Raħal Ġdid sa Triq Kordin, sa Triq Buhagiar, sa Triq il-Baċir sa Shipwrights Wharf.

It-traffiku minn Shipwrights Wharf lejn Raħal Ġdid se jiddawwar minn Triq il-Baċir sa Triq Buhagiar u jibqa' sejjer għal Raħal Ġdid.

It-toroq li ġejjin fil-Belt Valletta se jkunu magħluqa għat-traffiku ma jitħalliex isir ipparkjar matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija:

Nhar il-Ħadd, it-3 ta' Lulju sa nhar il-Ħadd, l-10 ta' Lulju, 2005 fi Triq San Pawl minn kantuniera ma' Triq Melita sa kantuniera ma' Triq San Ġwann.

Nhar l-Erbgħa, is-6 ta' Lulju sa nhar is-Sibt, id-9 ta' Lulju, 2005 fi Triq San Pawl minn kantuniera ma' Pjazza Kastilja sa kantuniera ma' Triq l-Arċisqof, parti minn Pjazza Kastilja minn kantuniera ma' Triq San Pawl, Triq Sant'Ursula minn kantuniera ma' Triq San Ġwann sa kantuniera ma' Triq it-Teatru, il-Parkeġġ quddiem il-Borsa, il-Parkeġġ fi Triq Santa Barbara adjaċenti mal-pont.

Nhar il-Ħamis, is-7 u nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Lulju, 2005, matul Triq San Pawl, it-traffiku jkun ikkontrollat skond il-ħin.

Nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Lulju, 2005, mit-8.00 p.m. sa l-10.00 p.m. minn Triq San Pawl.

It-toroq li ġejjin f'Ħaż-Żebbuġ (Malta) se jkunu magħluqa għat-traffiku matul id-dati u l-ħinijiet indikati:

Nhar is-Sibt, id-9 ta' Lulju, 2005 mis-7.00 a.m. sat-8.00 p.m. minn Triq l-Imdina minn fejn tmiss ma' Triq Ħ'Attard sa kantuniera ma' Triq ir-Rabat.

It-traffiku minn Ħaż-Żebbuġ lejn ir-Rabat se jiddawwar għal Triq Ħ'Attard, Triq Ħaż-Żebbuġ għal Triq iż-Żagħfran.

It-traffiku mir-Rabat lejn Ħaż-Żebbuġ se jiddawwar lejn Triq ir-Rabat, Triq l-Imdina, Ħ'Attard, Triq Ħaż-Żebbuġ sa Triq Ħ'Attard għal Triq l-Imdina.

L-1 ta' Lulju, 2005

On Sunday, 3rd July and on Wednesday, 6th July, 2005 from 6.00 a.m. to 8.00 p.m. in Shipwrights Wharf from corner with it-Telgħa ta' Raħal Ġdid to corner with Triq il-Baċir.

Traffic will be diverted from it-Telgħa ta Raħal Ġdid to Triq Kordin, to Triq Buhagiar, to Triq il-Baċir and to Shipwrights Wharf.

Traffic from Shipwrights Wharf towards Paola will be diverted to Triq il-Baċir to Triq Buhagiar on to Paola.

The following streets at Valletta will be closed to vehicular traffic and no parking will be allowed during the mentioned dates and times:

On Sunday, 3rd July to Sunday, 10th July, 2005 in Triq San Pawl from corner with Triq Melita to corner with Triq San Ġwann.

On Wednesday, 6th July to Saturday, 9th July, 2005 in Triq San Pawl from corner with Pjazza Kastilja to corner with Triq L-Arċisqof, part of Pjazza Kastilja from corner with Triq San Pawl, Triq Sant'Ursula from corner with Triq San Ġwann to corner with Triq it-Teatru, Car Park in front of the Stock Exchange, Car Park in Triq Santa Barbara adjacent to bridge.

On Thursday, 7th and Friday, 8th July, 2005 along Triq San Pawl, traffic will be controlled intermittently.

On Friday, 8th July, 2005, from 8.00 p.m. to 10.00 p.m. in Triq San Pawl.

The following streets at Żebbuġ (Malta) will be closed to vehicular traffic during the mentioned dates and times:

On Saturday, 9th July, 2005 from 7.00 a.m. to 8.00 p.m. in Triq l-Imdina from junction with Triq Ħ'Attard to junction with Triq ir-Rabat.

Traffic from Żebbuġ towards Rabat will be diverted to Triq Ħ'Attard, Triq Ħaż-Żebbuġ to Triq iż-Żagħfran.

Traffic from Rabat towards Żebbuġ will be diverted to Triq ir-Rabat, Triq l-Imdina, Attard, Triq Ħaż-Żebbuġ to Triq Ħ'Attard on to Imdina Road.

1st July, 2005

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-5 ta' Lulju, 2005 għal:

CT 147/2005. Provvista ta' *glyceryl trinitrate 10mg patches* - Dipartiment tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-2 ta' Mejju 2005.

CT 198/2005. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *tablet diaries* 2006 lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 199/2005. Provvista ta' *all terrain 25ton mobile crane* rikondizzjonat għad-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi, Kordin - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 200/2005. Provvista ta' żewġ (2) *tower ladders* rikondizzjonati - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-7 ta' Lulju, 2005 għal:

CT 148/2005. Proġett *Malta Vessel Traffic Management Information System (VTMIS*) (Fażi 1) - Awtorità Marittima ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm150 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-2 ta' Mejju 2005.

CT 165/2005. Servizzi ta' pubbliċità u relazzjonijiet pubbliċi għall-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza (NCPE). Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 172/2005. Xogħlijiet ta' *resurfacing* f'mogħdijiet pedonali fi Triq Ġirolamo Cassar, Valletta *(Lot 1)* u Ġonna Howard, fl-Imdina (Fażi 1) *(Lot 2)* - Ministeru għat-Turiżmu u Kultura. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 188/2005. Provvista ta' *crowd control barriers* - Dipartiment tal-Pulizija.

CT 189/2005. Superviżjoni ta' xogħlijiet fil-*Landfills* tal-Magħtab, il-Qortin u Wied Fulija - WasteServ Malta Ltd.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-25 ta' Mejju 2005.

CT 202/2005. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' stokk u ħġieġ lit-Taqsima tal-Procurement tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 5th July, 2005, for:

CT 147/2005. Supply of glyceryl trinitrate 10mg patches - Department of Health.
The EU Contract Notice was dispatched on 2nd May 2005.

CT 198/2005. Period contract for the supply of tablet diaries 2006 to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 199/2005. Supply and delivery of re-conditioned all terrain 25ton mobile crane for the Manufacturing and Servicing Department, Corradino - Works Division. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

CT 200/2005. Supply and delivery of two (2) re-conditioned tower ladders - Works Division. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 7th July, 2005, for:

CT 148/2005. Malta Vessel Traffic Management Information System (VTMIS) Project (Phase 1) - Malta Maritime Authority. A fee of Lm150 will be charged for each copy of tender document.
The EU Contract Notice was dispatched on 2nd May 2005.

CT 165/2005. Publicity and public relations services for the National Commission for the Promotion of Equality (NCPE). A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

CT 172/2005. Resurfacing works to pedestrian walkways at Triq Girolamo Cassar, Valletta (Lot 1) and Howard Gardens, Mdina (Phase 1) (Lot 2) - Ministry for Tourism and Culture. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

CT 188/2005. Supply of crowd control barriers - Police Department.

CT 189/2005. Supervision of works at Magħtab, Qortin and Wied Fulija Landfills - WasteServ Malta Ltd.
The EU Contract Notice was dispatched on 25th May 2005.

CT 202/2005. Period contract for the supply of putty and glass to the Procurement Section of the Contracts Department.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-12 ta' Lulju, 2005 għal:

CT 151/2005. Provvista ta' pilloli *atorvastatin 20mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-3 ta' Mejju 2005.

CT 152/2005. Provvista ta' *automated antibiotic susceptibility system* b'tagħmir b'self - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-4 ta' Mejju 2005.

CT 162/2005. Provvista ta' *independent view to the monitoring and implementation management of Pre-Accession support to Malta, namely the 2002NP, 2003NP and 2004TF Programme* b'mezz ta' servizz ta' evalwazzjoni esterna - *Planning and Priorities Co-ordination Division.*

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-6 ta' Mejju 2005.

CT 171/2005. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' diversi żebgħa u lostru għat-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 161/2005. Servizzi ta' kiri u *leasing* ta' vetturi - Malta Information Technology Training Services Ltd. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-6 ta' Mejju 2005.

CT 173/2005. Provvista ta' *waste recycling containers* biex jitpoġġew fit-toroq (kemm taħt l-art kif ukoll fuq l-art) għall-użu fid-dar u fl-iskejjel u f'vetturi għas-servizz tagħhom - *WasteServ Malta Ltd.* Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-17 ta' Mejju 2005.

CT 190/2005. Ġarr u trasport ta' *store inert waste* fil-Kumpless ta' l-Immaniġġar ta' l-Iskart fil-*Landfill* tal-Maghtab u l-Qortin - WasteServ Malta Ltd. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-14 ta' Lulju, 2005 għal:

CT 186/2005. Provvista u stallazzjoni ta' *perimeter security lighting* fit-Tempji ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra - Heritage Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 187/2005. *Management Programme* għal Malta ta' *Sectoral Pilot Projects (Transition Facility 2004)* - Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Mejju 2005.

CT 207/2005. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' bnadar nazzjonali lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 12th July, 2005, for:

CT 151/2005. Supply of atorvastatin 20mg tablets - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 3rd May 2005.

CT 152/2005. Supply of automated antibiotic susceptibility system with equipment on loan - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 4th May 2005.

CT 162/2005. Provision of an independent view to the monitoring and implementation management of Pre-Accession support to Malta, namely the 2002NP, 2003NP and 2004TF Programme by means of an external evaluation service - Planning and Priorities Co-ordination Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 6th May 2005.

CT 171/2005. Period contract for the supply of various paints and varnish to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 161/2005. Vehicle hire and leasing services - Malta Information Technology Training Services Ltd. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 6th May 2005.

CT 173/2005. Provision of waste recycling containers to be placed in streets (both underground and above ground) for household use and in schools and vehicles for their servicing - WasteServ Malta Ltd. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 17th May 2005.

CT 190/2005. Loading and transportation of store inert waste within the Maghtab Waste Management Complex and the Qortin Landfill - WasteServ Malta Ltd. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 14th July, 2005, for:

CT 186/2005. Supply and installation of perimeter security lighting at Ħaġar Qim and Mnajdra Temples - Heritage Malta. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

CT 187/2005. Management Programme for Malta of Sectoral Pilot Projects (Transition Facility 2004) - National Statistics Office. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 20th May 2005.

CT 207/2005. Period contract for the supply of national flags to the Procurement Section of the Contracts Department.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, id-19 ta' Lulju, 2005 għal:

CT 157/2005. Proġett *Malta Vessel Traffic Management Information System (VTMIS*) (Fażi 2) - Awtorità Marittima ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm150 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-5 ta' Mejju 2005.

CT 212/2005. Talba għal espressjoni ta' interess għall-provvista ta' *servers* u tagħmir relatat - *Malta Information Technology Training Services Ltd.*

CT 213/2005. Talba għal espressjoni ta' interess għall-provvista ta' *active network* u tagħmir għall-komunikazzjoni - *Malta Information Technology Training Services Ltd.*

CT 214/2005. Talba għal espressjoni ta' interess għall-provvista ta' xogħlijiet ta' infrastruttura u *passive equipment* - *Malta Information Technology Training Services Ltd.*

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-21 ta' Lulju, 2005 għal:

